MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2008

Avviz Numru. 549/2000/1

**Vincent Cuschieri Limited**

**Vs**

**Tarcisio Sultana**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta’ attrici nomine talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta’ tlett mitt lira u erbgha centezmi (Lm300.04), prezz ta’ merci lill-konvenut mibjugha u kkonsenjati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ qbid Nru 1297/2000 pprezentat mal-avviz u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta’ l-avviz sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet sottomessa mill-konvenut (fol 8 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi s-somma li ghandu jaghti lis-socjeta attrici hija Lm169.62 u mhux Lm300.04
2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-istess socjeta' attrici (fol 13 ibid) u li biha s-somma mitluba fl-avviz giet ridotta b'Lm133.76 ghal Lm166.28,0 stante l-hlas ta' din is-somma fil-mori ta' din il-kawza.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi John Cuschieri f'isem is-socjeta' attrici bhala l-"managing director" taghha, xehed (fol 21 et seq ibid) beda biex jikkonferma li, wara li nbiet din il-kawza, il-konvenut kien hallas parti mis-"sorte" skond kif hemm spjegat fl-imsemmija nota ta' riduzzjoni a fol 13 ibid. Inoltre l-konvenut kien baghat id-dokument esebit in atti a fol 23 u dan sabiex jispjega x'kien l-ammont dovut minnu f'dan il-kaz. Dwar dan id-dokument, is-socjeta' attrici ma kienetx taqbel mal-kontenut tieghu invista li l–istess konvenut kien "… ghamel xi "discounts' minn jeddu". Dwar dan il-punt hu iccita l-fattura numru 253268. Skond l-istess dokument redatt mill-konvenut. Difatti f'kaz bhal dan meta l-konvenut allega li kien irritorna lura iz-zewg landed imsemmija u qata' mill-ammont dovut is-somma ta' Lm5.25,0, ix-xhud spjega li f'kaz bhal dan ma kienx jinghata skont izda "credit note"mahruga favur ix-xerrej. Inoltre, meta l-konvenut kien jinghata l-fattura ta' prodotti konsenjati lilu, hu, bhala regola ma kienx jhallas l-ammont kollu specifikat fil-fattura izda ".. kien jhallas dejjem akkont hamsin lira" waqt li kien jhallas fattura, fl-intier, "… xi kultant". Difatti x-xhud dwar dawn il-"credit notes" ghamel referenza ghal kolonna tan-nofs tal-istess dokument b'referenza ghad-data tat-13 ta' Awissu 1999 (jew 1997) fejn hemm imsemmija zewg "credit notes" ("C/N") bin-numru 996 u 1163.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut jsostni (fol 31 u fol 33 et seq ibid) beda biex jikkonferma illi fil-5 ta’Jannar 2001, kien hallas is-somma ta’ Lm133.76. Wara li kien sar dan il-pagament hu asserixxa li fadal biss bilanc ta’ Lm28.50 li ghadu dovut u dan a basi tal-verifiki li saru minnu skond il-fatturi. Dwar merkanzija li kellha tigi konsenjata lilu u li fil-fehma tieghu ma kienitx tajba, hu jsostni li l-lavrant tas-socjeta’ attrici “… ma kienx jaf jikteb u ghalhekk ma kienx itini dokument” f’kaz ta’ merkanzija ritornata lura ossija “… ma kont ninghata l-ebda ‘credit note’. Pero hu kkredifika din l-asserzjoni billi qal “Gieli …. Kienu ntbaghtu ‘credit notes’ lili bil-posta”. Hu kompla jixhed billi qal li fl-ebda hin ma kienghamel xi skont minn jeddu. Sussegwentement hu rega’ xehed permezz ta’ “affidavit” b’diversi fatturi u ircevuti annessi mieghu (fol 33 et seq ibid). Hawnhekk hu ghamel referenza ghad-dokument gja imsemmi u li jinsab a fol 23, liema dokument jidher li gie redatt mill-stess konvenut. In rigward l-ewwel fattura numru 253268 u markata Dok TS1 a fol 37 ibid, hu sostna li din thallset minnu hlief ghal Lm5.25,0, prezz ta’ kaxxa tal-incova, liema kaxxa kienet giet ritornata minnu, kif di gja inghad (ara, bl-ahmar “less return 1 tin Incova” u l-ircevuta relattiva markata Dok TS2). In rigward fattura ohra numru 256761 u markata dok TS3 a fol 38. Dwar l-ammont fuq din il-fattura li hu pretiz mis-socjeta’ attrici u ammontanti ghal Lm16.80,0, il-konvenut jsostni li din kien hallasha fi flus kontanti izda minghajr ircevuta. Dwar l-istess fattura, jidher ukoll li kienet inharget “credit note’ ta’ Lm3.50,0 (numru 231). Dwar fattura ohra numru 11924 markata Dok TS4 a fol 39 bl-ircevuta relattiva markata Dok TS5 a fol 40 li ma tidhirx li giet iffirmata, ghandu jigi notat, il-konvenut jghid illi iz-Lm2.02 pretizi mis-socjeta’ attrici kien, ukoll, zewg laned ta’ Incova ritornata. In rigward iz-zewg fatturi numri 263013 markata DokTS6 u numru 264453 markata Dok TS7 u Dok TS8 (a fol 41 u fol 42 rispettivament) il-konvenut jammetti li Lm59.51 hu, filfatt, dovut minnu. Dwar il-fattura numru 264982 (Dok TS8 a fol 43), il-konvenut jghid li kien hallas Lm62.30 skond l-ircevuta annessa a fol 44 u markata Dok TS9 u dan l-ammont imhallas minnu jirrapresenta l-hlas ta’ din il-fattura fl-ammont ta’ Lm51.65 u ohra, bin-numru 265029 markata Dok TS10 a fol 45 fl-ammont ta’ Lm20 wara li

jitnaqqsu Lm9.35 valur ta' prodott ritornat u li ghalihom kienet inharget 'credit note" numru 1195. Dwar il-fattura numru 265029 markata Dok TS10 a fol 45, il-konvenut jikkontendi li l-bilanc ta' Lm20 pretiz mis-socjeta' attrici difatti hu imhallas u jinsab inkluz fl-ircevuta numru 006867 markata Dok TS9 a fol 44. Dwar il-fattura numru numru 269295 markata Dok TS9 a fol 44. Dwar il-fattura numru 269295 markata Dok TS11 a fol 46 tal-istess atti, dwar il-bilanc pretiz mis-socjeta' attrici ammontanti ghal Lm11.52 kif jidher mill-paragrafu 9 a fol 35, il-konvenut qed jsostni, a basi ta' diversi dokumenti imsemmija minnu u esebiti bhala Dok TS12, Dok TS13, Dok TS14 u Dok TS15 a fol 47 sa fol 50 ibid, illi hu kien effettivament hallas is-somma zejda ta' Lm10.50. Wara li ammetta illi dwar il-fattura numru 272703 markata Dok TS16 a fol 51 ibid l-ammont hemm indikat bhala bilanc kien filfatt ghadu dovut hu kompla billi qal illi, in rigward il-fattura markata Dok TS17, numru 273769 u esebita a fol 52 ibid, kien minnu illi kien fadal bilanc douvt ta' Lm48.18 wara li kien hallas akkont ta' Lm50. Fl-ahharnett hu rrefera illi fuq il-fattura numru 275038 markata Dok TS20 a fol 55 ibid, kien minnu ukoll, illi l-ammont ta' Lm2.85,0 kien filfatt dovut. Pero, kif rizultatni ukoll mix-xhieda ta' John Cuschieri (ara "supra"), fil-mori ta' din il-kawza, l-konvenut kien hallas l-ammont ta' Lm133.76 lis-socjeta' attrici bazat fuq kalkoli li saru mill-istess konvenut u dan wara laqgha li saret presenti l-Avukati rispettivi u rappresentant tas-soceta attici. Konsegwentement il-konvenut qed jghid illi l-ebda bilanc, ma hu dovut minnu lis-socjeta' attrici anzi qed jghid illi sar hlas zejjed da parti minnu u ammontanti ghal Lm1.33,0.

Ikkunsidrat

Illi, konsiderat dak kollu premess ghandu jigi, mill-bidu, pprecizat illi fl-istess nota ta' eccezzjonijiet sottomessa minnu (fol 8 ibid), hu ammetta illi, sakemm bdiet il-kawza, hu kellu jaghti Lm169.62. Sussegwentement meta xehed "viva voce" quddiem l-istess Qorti, hu "ftakar" li, waqt dawn il-proceduri kien hallas is-somma ta' Lm133.76 bhala konsegwenza ta' laqgha bejn il-partijiet involuti. Fl-istess xhieda, waqt li sahaq illi l-"statement" esebit minn John Cuscheri ma kienx ezatt ("ma naqbilx mieghu") wara

li kien hallas l-ammont li ghadu kemm issemma' hu kien ghamel "verifiki mal-fatturi u pagamenti kollha li saru" u issa irrisulta, skond u, li kien hemm bilanc dovut ta' Lm28.50.  Dwar dan jigi notat illi mill-provi, jirrisulta illi l-"statement" esebit minn John Cuschieri u li jinsab a fol 23, dwar liema dokument il-konvenut kien sostna li ma kienx jaqbel mieghu, kien gie redatt u mibghut mill-istess konvenut u ghalhekk il-Qorti ma tistax tifhem kif ma setax jaqbel mieghu.  Fl-ahhar nett, il-konvenut issottometta l-imsemmi affidavit u issa, skond dejjem l-istess konvenut hemm bilanc din id-darba dovut lilu, ammontanti ghal Lm1.33.

Ikkunsidrat

Illi, waqt li jigi premess illi kien jinkombi fuq il-konvenut li jipprova illi kien hallas kollox lis-socjeta' attrici fid-dawl u l-isfond tal-inkonsistenzi evidenti fl-eccezzjonijiet u fil-provi sottomessi minnu, il-Qorti ma tistax temmen lill-konvenut. Minn naha l-ohra, dak li xehed John Cuschieri hu kredibbli.  Ghalhekk l-istess Qorti ser takkoji t-taba attrici kif ridotta (ara fol 13 ibid) ossija fl-ammont ta' Lm166.28.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' it-talba attrici kif ridotta u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm166.28 ossija €387.33 bl-imghax legali mit-28 ta' April 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-mandat ta' qbid numru 1297/2000 presentat fit-28 ta' April 2000.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------